28 ta' April, 1947.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Giovanni Micallef *versus* Pietro Sammut

**Spoll — Konfini — Pussess — Vjolenza.**

*Jekk l-att li minnu jillamenta l-attur ma juriex li hemm negazzjoni tad-drittijiet tiegħu da parti ta' min għamlu, jew ma jammontax għal użurpazzjoni tad-drittijiet ta' ħadd ieħor, jew il-pussess ta' l-attur b'dak l-att ma jiġix intakkat u bl-ebda mod menomat, ma jistax jingħad li dak l-att jikkostitwixxi spoll. Għalhekk, meta jirriżulta li l-att ma sarx b'ebda atiża ta' vjolenza, u lanqas ifixkel l-eżerċizzju tad-drittijiet ta' l-attur, dana ma jistax jaġixxi bir-reintegranda; jekk jidhirlu li d-drittijiet tiegħu ġew leżi, għandu azzjonijiet oħra.*

*Fil-każ preżenti dawn il-prinċipji ġew applikati għal att tal-konvenut li qiegħed f'postha ġebla li kienet tqanqlet minn lokha u l-attur ippretenda li jaġixxi bir-reintegranda biex jiġu ristabbiliti l-konfini.*

Il-Qorti, — Rat it-talba ta' l-attur quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu, fejn ippremetta illi fil-jum l-ewwel ta' Ottubru 1946, jew fi kwalunkwe jum ieħor l-aħħar xahrejn, li jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, iċ-ċitat permezz ta' bintu minorenni Maria Sammut, vjolentement u okkultament qala' mill-art ġebla li kienet isservi bħala sinjal ta' konfini bejn raba' detenut minnu u ieħor detenut mill-istess ċitat, u b'dana l-għemil tiegħu arbitrarju u illegali ikkaġunalu danni; prevja d-dikjarazzjoni illi ċ-ċitat bl-istess għemil tiegħu jinsab ħati ta' spolju vjolent, talab li l-

konvenut ikun kundannat (1) li jirreintegrah fid-detenzjoni tiegħu billi jqiegħed il-ġebla fuq imsemmija a spejjeż tiegħu skond is-sengħa fil-post fejn kienet qabel ma ġiet minn bintu bl-ordni tiegħu fil-preżenza tiegħu vjolentement maqlugħa; (2) li jħallsu d-danni minnu sofferti in konsegwenza ta' l-ispolju fuq imsemmi, likwidabili f'dan jew f'ġudizzju ieħor separat, anki, għal bżonn, permezz ta' periti; bl-ispejjeż, kompliżi dawk tal-protest tat-18 ta' Novembru 1946.

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti tal-Maestà Tiegħu fl-24 ta' Jannar 1947, fejn ċaħdet it-talba ta' l-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu; wara li kkunsidrat;

Illi l-kontendenti għandhom artijiet fl-inħawi ta' Had-Dingli bi qbiela wieħed ħdejn l-ieħor, koltivabili u adjaċenti............, u jinsabu magħżulin bil-posti tal-ġebel;

Illi waħda minn dawn il-posti, li kellha ħdejha ġebla oħra qrib il-passaġġ li jiġi mal-ġenb tal-għelieqi in kwistjoni, instabet ġurnata minnhom għall-ħabta ta' l-aħħar ta' Settembru jew bidu ta' Ottubru 1946 bil-ġebla ta' ħdejn l-aħħar posta maqlugħa minn lokha; ma rriżultax minn qalagħha............; illi huwa fatt li sabha maqlugħa l-konvenut u ordna lil bintu Tereża terġa' tqegħidha fejn kienet u fejn l-attur jippretendi li ma kenitx oriġinarjament; dwar il-post fejn kienet reġgħet tqegħdet u l-post fejn kellha tkun skond l-attur, id-differenza hija insinjifikanti;

Bl-aġir tal-konvenut l-attur jippretendi li sar spolju "de recenti", u dana apparti li jippretendi li tressaq il-passaġġ li jagħti aditu għall-għelieqi in kwistjoni, ħaġa li minnufih jista' jingħad kif deher mill-"in loco" u kif jirriżulta mix-xhieda xiuħ li jafu l-post, li hija immaġinarja............ Jingħad ukoll illi r-relazzjonijiet bejn il-partijiet huma ħżiena, kif l-istess partijiet ma jinnegawx..............;

Jingħad ukoll illi "spoliatio" ma kienx hemm fis-sens (ammess "gratia argumenti" li l-konvenut qala' l-ġebla ta' ħdejn il-posta l-eqreb lejn il-mogħdija — dak li huwa jikkontesta u l-attur ma jippruvax) ta' innovazzjoni ta' l-art posseduta mill-attur; biss dana jippretendi illi b'dik ir-rimozzjoni

implicitament imxiet u sejra titmexxa l-mogħdija, b'telf tiegħu, fuq il-linja jew tul il-linja ta' l-art tiegħu ħdejn il-mogħdija, bla ma ħaseb illi, se maj, minn din l-ispoljazzjoni ma kienx sejjer igawdi l-konvenut, iżda gabillott ieħor li jikri jew iqabbel minn għandu, li huwa ħabib tiegħu u li mhux ħabib, anzi miġġieled mal-konvenut...........; illi jidher aċċertat illi meta l-konvenut sab filgħodu l-ġebla in kwistjoni maqlugħa, xogħol li sar milli jidher bil-lejl, minn min mhux pruvat, lil bintu Teresa ordnalha tgħoddża ġol-ħamrija kif u fejn kienet, dak li juri mhux in-negazzjoni tal-pussess ta' l-attur u l-affermazzjoni biss tal-pussess tiegħu, jew użurpazzjoni tal-ħaġa ta' ħadd ieħor; iżda, kieku l-kontendenti ma kienux f'relazzjonijiet ħżiena, kien ikun il-każ li jingħad, kważi bil-kunsens preżunt ta' l-attur, li għandna nissopponu li ried li dik il-ġebla terġa' titqiegħed fl-art fejn kienet u li hekk tiġi mqiegħdha għall-finijiet li oriġinarjament tqegħdet........;

Illi kien kwindi dritt tal-konvenut, la darba l-pussess ta' l-attur ma kienx b'hekk sejjer jiġi intakkat, jew bl-ebda mod menomat, u ladarba kien interess tiegħu għall-finijiet tal-linja li terġa' titqiegħed fejn kienet, li jqegħidha kif kienet qabel ma nqalgħet u kif ikkonferma li tqegħdet Felice Bugeja; u "qui suo jure utitur non videtur injuriam facere";

Illi anki kieku kellu jiġi ammess li dik il-ġebla ma ġietx imqiegħda fil-post fejn kienet, imma bid-differenzi rilevati mill-attur, ladarba ma ġiebitx magħha l-impossibilità fiżika tad-dispożizzjoni tal-għalqa ta' l-attur, anki dwar il-linja tul il-mogħdija minnu pretiża, bl-aġir tal-konvenut ma jistax ikun hemm spoll. Jista' jkun hemm, "si et quatenus", azzjonijiet oħra, imma qatt dik ta' spoll, kif iddeċidiet il-Kassazzjoni ta' Firenze fil-11 ta' Mejju 1875;

Illi, dejjem fl-ipotesi li għedna, ġa la darba l-attur ma ġiex qatt imfixkel minħabba fil-fatt li dik il-ġebla tqiegħdet f'post differenti milli huwa jippretendi li kienet mill-eżerċizzju liberu tal-pussess tiegħu fuq il-fond intier minnu detenut, huwa ma jistax igerger li bata spoll, u ma jistax di konsegwenza jaġixxi bir-"reintegranda" għall-pussess li qatt ma tilef;

Illi fl-aħħarnett jingħad, barra minn kwalunkwe ipotesi, *illi l-attur ma ppruvax* li l-ġebla tal-linja (mhux qsami) tneħħiet *minn fejn qiegħdha Bugeja bl-inkariku tiegħu tliet snin* qabel u l-istess ġiet, se mai, materjalment manipulata mill-konvenut, *jew minn* *bintu* bil-mandat tiegħu bl-''animus spoliandi'' jew b'animu *kuntrarju għall-pussess tiegħu*;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u l-petizzjoni tiegħu fejn talab illi dik is-sentenza *fuq imsemmija* tiġi revokata, u għalhekk it-talbiet ta' l-attur ikunu milqugħa, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut, jew subordinatament, illi dik is-sentenza tiġi riformata *billi* j*iġi riformat* il-kap ta' l-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-kwistjonijiet involuti f'dan l-appell huma tnejn; waħda tirriferixxi għall-apprezzament tal-fatt, peress illi hemm diskrepanza bejn il-verżjoni tal-partijiet u tax-xhieda minnhom rispettivament prodotti; u l-oħra hija kwistjoni ta' dritt;

Fuq il-kwistjoni tal-fatt din il-Qorti taqbel ma' l-Ewwel Qorti illi fid-diverġenza bejn ix-xhieda tal-partijiet u ta' nieshom, l-aktar xhud importanti huwa Felice Bugeja, li kien għamel oriġinarjament dik il-ġebla fejn kienet u ħawwilha fil-post. U dan igħid illi huwa kien qiegħdha preċiżament fil-lokalità fejn tinstab il-lum, iżda mdawra — ħaġa li hija wisq żgħira u ta' importanza minima, kif jirriżulta anki mill-provi;

Tikkunsidra;

Illi fuq ir-riżoluzzjoni tal-kwistjoni tad-dritt, din ġiet tajjeb u skond il-liġi riżoluta mill-Ewwel Qorti, peress illi, kif irriżulta mill-provi, il-konvenut ma kellux ebda intenzjoni li jagħmel vjolenza, anzi għall-kuntrarju, l-intenzjoni kienet kuntrarja, li jerġa' iqiegħed il-ġebla fejn kienet meta sabha mċaqalqa minn postha u qal lit-tifla tiegħu biex terġa' tqegħidha f'postha; u għalhekk ma seta' kien hemm ebda spoljazzjoni tal-pussess. U anki kieku kien veru dak li qal l-attur, illi l-ġebla kienet 'il bogħod xi pied u nofs jew żewġ piedi — ħaġa li, kif intqal iżjed 'il fuq, hija eskluża — l-azzjoni li

toħroġ mhijiex dik ta' spoll, iżda azzjoni oħra, biex jiġu ristab-*biliti* dawk il-konfini;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, *li* huma *adottati*;

Tirrespinġi l-appell ta' l-attur, u għalhekk tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell; bl-ispejjeż kontra l-attur appellant.